MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-22 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 997/1996/1

**A**

**Vs**

**Dr. Raymond Pace u l-Prokuratur Legali Gerald Bonello gew nominati skond digriet datat 16 ta' Settembru 1995 bhala kuraturi deputati halli jirrapprezentaw lill-assenti B; u b' nota tas-27 ta' Novembru 1996 Dr. Consuelo Scerri Herrera assumiet l-atti tal-kawza minflok l-assenti B; u bi prokura tat-18 ta' Settembru 1997 Dr. Greta Agius assumiet l-atti f' isem B**

**Il-Qorti;**

Rat l-Att tac-Citazzjoni pprezentat fis-26 ta' Marzu 1996 li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-partijiet izzewgu fis-7 ta' Mejju 1982 u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal C li twieldet fil-5 ta' Mejju 1983 u D li twieldet fid-29 ta' Gunju 1983 dokumenti annessi ma' l-att tac-citazzjoni A, B u C;

Premess illi l-konvenuta rrendiet ruhha hatja ta' adulterju, eccessi, minacci u sevizzi u fit-2 ta' Awissu 1995 l-konvenuta abbandunat id-dar konjugali ma' l-ulied minuri u siefret ma' ragel iehor certu E;

Premess illi l-konvenuta ilha nieqsa mill-gzejjer Maltin sa minn din id-data;

Premess illi l-attur talab u ottjena d-debita awtorizzazzjoni mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili biex jissepara minn mal-konvenuta li kienet rapprezentata minn kuraturi deputati, liema awtorizzazzjoni l-attur ottjena Dokument D;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddeciedi u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjugi AB ghat-tortijiet imputabbli lill-konvenuta fosthom adulterju u abbandun;

2. Tafda l-kura u l-kustodja ta' l-ulied minuri lill-attur;

3. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet;

4. Tillikwida, taqsam u tiddividi l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet;

5. Tillikwida l-assi parafernali tal-partijiet;

6. Tassenja lill-partijiet sehemhom mill-komunjoni ta' l-akkwisti kif fuq maqsum kif ukoll l-proprjeta` parafernali;

7. Tawtorizza lill-attur jghix fid-dar konjugali u tassenja l-uzu u t-tgawdija ta’ l-istess fond lill-attur;

8. Tiddikjara li l-konvenuta ddecidiet mill-Artikoli tal-Kodici Civili numri 48 u 49 jew min minnhom applikabbli;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attur, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti ma’ l-att tac-citazzjoni;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet ta’ l-Avukat Dottor Raymond Pace u l-P. L. Gerald Bonello nominati b’ digriet tas-16 ta’ Settembru 1995 bhala Kuraturi Deputati ghall-assenti B, ipprezentata fl-10 ta’ Settembru 1996 li permezz taghha huma eccepew:-

1. Illi l-esponenti *nomine* ma humiex dedotti fil-fatti tal-kaz u ghalhekk jirrizervaw li jipprovdu l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri;

Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess kuraturi deputati u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat id-Digriet tad-29 ta’ April 1997 li permezz tieghu giet nominata l-Assistent Gudizzjarji Dr. Monica Borg Galea biex tigbor il-provi;

Rat id-Digriet tat-18 ta’ Frar 2004 li permezz tieghu gie nominat AIC Valerio Schembri bhala perit tekniku sabiex jistma u jirrelata dwar il-valur ta’ l-assi tal-komunjoni ta’ l-akkwisti;

Rat ir-rapportipprezentat mill-perit nominat, li jinsab a fol. 174 *et sequitur* tal-process u li gie minnu debitament konfermat fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 2005;

Rat l-Affidavits u d-dokumenti esebiti u t-traskrizzjonijiet tax-xhieda moghtija;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:

Biex gudikant jasal ghall-addebitu tas-separazzjoni jehtieglu jipprocedi ghall-valutazzjoni globali u komparattiva ta' l-imgieba ta' kull wiehed u wahda mill-konjugi. Naturalment, fir-rapport familjari mhix possibbli l-kompensazzjoni tar-responsabilita` izda invece s-separazzjoni tista' tigi addebitata jew lil xi hadd fost il-konjugi, jew lit-tnejn. Dan jiddependi mir-rizultanzi processwali tal-kaz li jkun;

Fil-kaz prezenti, l-attur jimputa lil martu relazzjoni adulterina u abbandun. Filwaqt li ma jinnegax li fil-kors taz-zwieg hu u martu kellhom bosta tilwim u, anke, theddid bil-kliem, huwa jsostni li l-inkwiet veru beda meta martu dahhlet f' relazzjoni ma' E, ir-ragel ta' ohtu. Relazzjoni din li wasslet biex, bil-habi, martu u dan E telqu minn Malta b' ajruplan privat flimkien ma' l-ulied minuri komuni tal-kontendenti. Dan sehh fit-2 ta' Awissu 1995. Konsegwenza ta' dan il-fatt F mart E, u oht l-attur, ghaddiet ghas-separazzjoni personali minn ma' zewgha fit-12 ta' Lulju 1996. Ara deposizzjoni taghha a fol. 34;

Gja qabel dan, kien sehh incident li fih mart l-attur kienet hadet doza ta' pilloli fit-tentattiv li tikkommetti suwicidju. Skond ix-xhud Spettur Pierre Calleja (fol. 42) dan ghamiltu ghax kienet iddejqet id-dar u wkoll ghar-raguni li hi ma

setghetx tinsa lill-imsemmi E. Ara deposizzjoni ta’ G, hu l-attur, a fol. 38;

Minn naha taghha, il-konvenuta taskrivi lil zewgha theddid, tghajjir u swat. Hi tghid li dan kien influwenzat minn familjari tieghu dwar allegata relazzjoni mar-ragel ta’ ohtu. Fatt dan li hi tinnegah, billi tafferma wkoll li E ma kienx il-kagun ghas-separazzjoni taghha u ta’ zewgha. Ara Affidavit taghha a fol. 48. Kontro-ezaminat, l-attur jichad l-attribuzzjoni lilu tas-swat ghalkemm, kif gja nghad, jaccetta li kellhom argomenti u theddid bil-kliem, l-aktar konnessi mas-suspett li kellu tar-relazzjoni extra-maritali tal-konvenuta. Ara kontro-ezami tieghu a fol. 51;

Premessi dawn il-provi, m’ hemmx dubbju illi l-abbandun guridiku li trid il-ligi ghall-iskop tas-separazzjoni mhux sodisfatt f’ wiehed mill-elementi bazici tieghu. Dan ghaliex biex l-abbandun jikkostitwixxi motiv ta’ firda personali hemm bzonn, oltre li jkun “minghajr raguni tajba”, il-fattur zmien, ossija “sentejn jew izjed” (Artikolu 41, Kodici Civili). Naturalment dan ma jfisserx illi ma kienx hemm ukoll l-abbandun ta’ fatt, kif ser jigi osservat aktar ‘il quddiem;

In linea ta’ principju, l-att kuntrarju ghad-doveri naxxenti miz-zwieg – ad ezempju, relazzjoni extra-konjugali – in bazi ghall-“*id quod plerumque accidit*” hu prezunt kawza efficcjenti ta’ sitwazzjoni ta’ intollerabilita` ghall-prosegwiment tal-konvivenza flimkien. Dan ghaliex, logikament, l-infedelta`, oltre li minnha nfisha tikkostitwixxi trasgressjoni ta’ dak id-dover ta’ fedelta` li jippreciza l-Artikolu 2 (2), Kodici Civili, toffendi certament d-dekor u l-unur tal-konjugi l-iehor;

Kemm fl-Affidavit taghha kif ukoll fil-korp tan-Nota ta’ l-Osservazzjonijiet (fol. 66), il-konvenuta tiddefendi ruhha kontra l-imputazzjoni ta’ adulterju fil-konfront taghha billi tikkontendi illi waqt iz-zwieg hi qatt ma kellha relazzjoni ma’ E u li l-kuntatt taghha ma’ dan kien minghajr

intenzjoni hazina. Hi, anzi, tirritalja bl-osservazzjoni li l-akkuza li saritlha kienet rizultat ta’ konfoffi mill-familjari ta’ l-attur ghax qablilhom jemmnu li kien hemm relazzjoni illecita` taghha ma’ dan E. Tikkontendi wkoll illi mhux biss mill-provi ma rrizulta ebda indizju ta’ adulterju izda l-atteggjament ta’ l-attur u tal-familjari tieghu kien wiehed ossessiv razenti l-persekuzzjoni taghha;

Hu statwit f’ bosta decizjonijiet illi “stante id-diffikolta tal-prova ta’ l-adulterju, dan jista’ jigi pruvat per mezz ta’ indizji u presunzjonijiet purke jkunu gravi, precizi u konkordanti, b’ mod li ma jhallu ebda dubbju f’ min ghandu jiggudika” – “**Rita Schembri -vs- Avv. Dr. Albert Grech *nomine***”, Prim’ Awla, 16 ta’ April 1953, “**Rosina Micallef -vs- Angelo Micallef**”, Prim’ Awla, 27 ta’ Gunju 1964 u “**Antonio Busuttil –vs- Filomena Busuttil**”, Prim’ Awla, 30 ta’ April 1966. Proprju fl-ewwel sentenza hawn citata gie osservat illi “l-harba tal-konjugi mal-persuna li maghha hu allegat li kkometta adulterju giet kostantement ritenuta bhala indizju gravi ta’ l-adulterju”. Wiehed ragonevolment jifhem li dan hu hekk il-kaz ghax dik il-harba taghti fidi u fondatezza lis-suspetti anterjuri ghal dak il-fatt. Suspetti dawn li mill-aspetti esterjuri ta’ certa mgieba kienu plawsibbli ta’ infedelta` u allura, anke kieku stess ma kienux jissustanzjaw ruhhom fil-prova tal-kongungiment karnali, li hu ghab-bazi ta’ l-adulterju, jikkostitwixxu offizi ghad-dinjita` u l-unur tal-konjugi l-iehor;

Dan affermat, fil-kaz in ezami hu l-hsieb ta’ din il-Qorti, illi t-tifrik taz-zwieg bejn il-kontendenti ma kienx ir-rizultat ta’ xi atti izolati ta’ tghajjir u theddid waqt xi tilwima, attribwiti mill-konvenuta lil zewgha, imma s-sitwazzjoni krejata mill-konvenuta li sabet il-kumpanija tar-ragel ta’ oht l-attur u spiccat biex inqatghet kompletament minn ma’ zewgha, abbandunatu u harbet fl-esteru mieghu, fejn jidher li ghadha sal-prezent tirrisjedi. Din id-decizjoni taghha harbtet kull possibilita` ta’ rikonciljazzjoni, anke jekk l-attur kien, nonostante l-harba taghha, lest li jahfrilha u jehodha lura mieghu. Il-konvenuta tittanta ssib skuzanti ghal dan l-att taghha fil-mod ta’ komportament allegatament abusiv

ta’ zewgha izda din il-Qorti ma ssibx, mill-provi, li dan ippekka b’ mod gravi biex jista’ jinghad li tezisti konkors ta’ htija da parti tieghu jew li dan, b’ xi mod, jiggustifika l-infedelta` u l-ko-abitazzjoni taghha ma’ ragel iehor mizzewweg. Kienet il-konvenuta li vvjolat profondament il-konvivenza konjugali, u ghall-att taghha issa ma tistax ma tissubbix il-konsegwenza legali ta’ ghemilha. Ara f’ dan l-istess sens “**Kelly *utrinque***”, Appell, 31 ta’ Mejju 1996;

Fil-kaz ta’ adulterju (Artikolu 38) dawn il-konsegwenzi huma dawk preskritti fl-Artikolu 48 (1) tal-Kodici Civili, jigifieri t-telfien ta’:

(a) dawk il-jeddijiet imsemmija fl-Artikolu 631, 633, 633A, 825, 826 u 827 ta’ l-istess Kodici;
(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-ohra b’ donazzjoni bi hsieb taz-zwieg, jew waqt iz-zwieg, pero` taht titolu iehor gratwitu;
(c) kull jedd ta’ parti miz-zwieg ghan-nofs ta’ l-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-hidma tal-parti l-ohra wara data stabbilita mill-qorti bhala d-data meta l-parti ghandha tkun kunsidrata li minnha tkun hatja tal-firda;
(d) il-jedd li ggieghel lill-parti l-ohra, f’ kull kaz, li taghtiha l-manteniment bis-sahha ta’ l-obbligu li jitnissel miz-zwieg;

Fic-cirkostanzi tal-kaz il-konvenuta ghandha tigi dikjarata dekaduta mis-subparagrafi (a), (b), u (d) hawn fuq riportati. Il-Qorti hi tal-fehma wkoll illi vjolazzjoni ta’ l-obbligi matrimonjali tati lok ghal dannu. Dannu li fis-sistema tar-responsabilita` civili, anke jekk wiehed jipprexxindi mir-rapport konjugali, hu kollegat ma’ l-offizi ghad-dinjita tal-persuna. Dan ghandu jitraduci ruhu u jsib postu fil-mod tal-likwidazzjoni tal-komunjoni ta’ l-akkwisti patrimonjali;

Mir-ricerki in atti (fol. 126) jirrizulta li bejn il-21 ta’ Frar 1989 u l-11 ta’ Mejju 1992 bhala proprjeta` immobbiljari

gew akkwistati l-utile dominju temporanju ta' garage fil-Housing Estate tas-Sghajtar ossija Triq ic-Cirasa, Naxxar, nofs indiviz ta' remissa fil-Marsa bl-arja taghha u garage fi Spring Street, Mosta. Fil-hsieb tal-Qorti n-nofs ta' din il-proprjeta` ghandha tigi assenjata lill-attur. Kwantu ghall-fond konjugali f' Autumn Street, Mosta dan jirrizulta li nxtara (19 ta' Marzu 1982) bil-fondi ugwali tal-konjugi qabel iz-zwieg (7 ta' Mejju 1982). Ara wkoll xhieda ta' l-attur in kontro-ezami (fol. 51). Dan il-fond ghalhekk ghandu jinbiegh u r-rikavat spartit nofs bin-nofs wara li, s' intendi, li jigi sodisfatt id-dejn li jkun ghad hemm fuqu. Huwa xieraq pero` illi dan il-bejgh isir zmien sena mid-data tas-sentenza biex taghti opportunita` lill-attur isib sistemazzjoni alternattiva;

Dwar l-effetti mobili ma saret ebda stima ufficcjali u ghalhekk il-Qorti jkollha tadotta l-arbitriju taghha *ex aequo et bono.* Jekk wiehed joqghod ghal-lista taghhom elenkata mill-konvenuta (fol. 157) bl-eskluzjoni tal-van li l-attur jistqarr li xtrah qabel iz-zwieg (fol. 143), jigi li l-valur totali tal-vetturi l-ohra u tal-ghamara u oggetti fid-dar ghandu jkun dak kalkolat fl-ammont ta' ghoxrin elf lira (Lm20,000). Fic-cirkostanzi dawn se jigu assenjati lill-attur, b' dan li hu tenut jghaddi lil martu l-import ta' sehemha fis-somma ta' ghaxart elef lira (Lm10,000);

L-ulied illum jidhru li lahqu l-eta` maggorenni, jew kwazi, fil-kaz ta' D, li ser taghlaq tmintax (18) il sena f' Gunju 2006. Mhux il-kaz allura li l-Qorti tahseb dwar il-kura u kustodja taghhom, anke jekk il-Qorti ma tistax tonqos milli tirrakkomanda li, gara x' gara, l-ulied ma ghandhom qatt jistronkaw kull relazzjoni minn ma' missierhom.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi fl-ewwel lok tippronunzja s-separazzjoni personali minhabba htija imputabbli lill-konvenuta;

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba ghar-ragunijiet fuq espressi;

Tilqa’ t-tielet, ir-raba’, il-hames, is-sitt u s-seba’ domandi fis-sens li gej:-

(1) Fl-ewwel lok tiddikjara xolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet. Tillikwida l-istess u tordna li l-fond konjugali bl-isem “Franco”, numru 71, bil-garaxx mieghu numru 73, Autumn Street, Mosta ghandu jinbiegh fis-suq liberu u r-rikavat maqsum ugwalment bejn il-kontendenti. Dan il-bejgh ghandu jsir zmien sena mil-lum. F’ dan il-perijodu l-attur qed jinghata d-dritt ta’ l-uzu tal-fond biex ikun in grad isib sistemazzjoni alternattiva. Matul dan il-perijodu l-proprjeta` tad-dar ghandha tibqa’ in komuni;

(2) Sehem il-konvenuta mill-garage numru 5, Spring Street, Mosta, min-nofs indiviz tar-remissa numru 32 fi New Street fi Triq is-Serkin, Marsa u mill-utile dominju temporanju tal-garage fi Triq ic-Cirasa, Naxxar qed jigi assenjat lill-attur. Ghall-iskop ta’ din it-talba l-Qorti tinnomina lin-Nutar Dottor Tonio Spiteri biex jippubblika l-att opportun li ghandu jsir mhux aktar tard minn tliet xhur mil-lum u lill-Avukat Dottor Philip Magri biex jirrapprezenta lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

(3) Tassenja lill-attur sehem il-konvenuta mill-effetti mobili, ghamara u vetturi b’ dan illi l-attur ghandu jivversa lill-konvenuta b’ korrispettiv ta’ hlas is-somma ta’ ghaxart elef lira (Lm10,000);

Finalment din il-Qorti tilqa’ t-tmien talba u tikkommina fil-konfront tal-konvenuta d-disposizzjoni ta’ l-Artikolu 48 tal-Kodici Civili;

L-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------